# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 829/16/2 MH**

**Francis Grima f'ismu personali u kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Outwest Limited (C-24627)**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta appell imressaq mill-**attur appellant Francis Grima f'ismu proprju u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Outwest Ltd [l-Appellant**] minn sentenza mogħtija mill-**Qorti Ċivili - Prim'Awla [l-Ewwel Qorti]** fil-5 ta' Frar, 2021 li permezz tagħha l-pretensjoni tal-appellant li l-**konvenut appellat il-**

**Kummissarju tat-Taxxi [l-Appellat]** ma kellux titolu eżekuttiv kontra tiegħu ġiet miċħuda.

**Daħla**

2. B'rikors tat-22 ta' Settembru, 2016 l-attur appellant *proprio et nomine* talab lill-Ewwel Qorti (1) tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra ufficjali tieghu tal-15 ta' Dicembru 2015 hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u (2) sabiex, konsegwentement, tirrevoka t-titolu ezekuttiv vantat mill-istess Kummissarju tat-Taxxi. Dawn it-talbiet tressqu wara li l-attur ippremetta s-segwenti:

> "ILLI permezz ta' ittra ufficjali ta' nhar il-15 ta' Dicembru 2015 (DOK: A) - ossija ittra ufficjali numru 4153/15 - il-Kummissarju tat-Taxxi interpella lillesponent f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627 sabiex, fi zmien jumejn minnotifika tal-imsemmija ittra ufficjali, huwa jhallas is-somma ta' mija u tmienja u tmenin elf, sitt mija u tlieta u erbghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€188,643.74) rapprezentanti somma dovuta lill-istess Kummissarju tat-Taxxi bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
>
> ILLI, fl-istess imsemmija ittra ufficjali, l-Kummissarju tat-Taxxi wissa lillesponent illi dik l-interpellanza kienet qed issir ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u partikolarment, izda mhux esklussivament, sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontra l-esponent permezz ta' Avviz li kien intbaght lill-istess esponent;
>
> ILLI, permezz tal-istess ittra ufficjali, l-Kummissarju tat-Taxxi informa lillesponent illi, jekk huwa jonqos milli jhallas l-ammont suriferit fi zmien lilu moghti, huwa kien ser jaghddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu ezekuttiv permezz tal-mandati opportuni;
>
> ILLI, madanakollu, t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra ufficjali suriferita hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan, fost ohrajn, ghar-ragunijiet segwenti:

I. Il-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jsegwi d-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghaldaqstant huwa ma ghandu l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront talesponent;

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet Aluminium Extrusions Limited u Raymond Borg Vs Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud), moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) nhar is-27 t'April 2016, il- procedura li ghandha tigi segwita mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jottjeni titolu ezekuttiv hija s-segwenti:

i. Fl-ewwel lok tinhareg l-istima, li tigi notifikata lit-taxpayer li mbaghad ikollu tletin (30) gurnata min-notifika tal-avviz sabiex jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;

ii. Fit-tieni lok hu biss fejn l-istima ma tigix kontestata fit-terminu kontemplat mil-ligi, jew wara d-decizjoni tat-Tribunal, li l-avviz hu titolu ezekuttiv. L-Artikolu 59(1) jipprovdi li l-avviz mahrug millappellat hu titolu ezekuttiv.

iii. Fit-tielet lok fejn il-hlas jibqa' ma jsirx, l-appellant jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva permezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u l-hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mid-data tannotifika lill-persuna li ghandha thallas (Artikolu 59(2)).

iv. Fir-raba' lok jekk il-hlas jibqa' ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tan-nota ta' talba ghall-hlas, allura l-appellat jista' jghaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv wara li jkunu ghaddew jumejn min-notifika ta' att gudizzjarju lill-persuna kkoncernata fejn jitlobha thallas (Artikolu 59(2)).

Ghaldaqstant, jispetta unikament lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex iressaq prova li turi b'mod car illi, qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali promutorja tieghu, huwa, effettivament, kien innotifka lill-esponent, f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tassocjeta' Outwest Ltd. (C 24627), bis-segwenti, ossija:

A. Bi stima ta' taxxa;
B. B'Avviz, skond l-Artikolu 59 (1) tal-Kapitolu 406;
C. B'nota ta' talba ghall-hlas, skond l-Artikolu 59 (2) tal-Kapitolu 406.

Ghal kuntrarju ta' dak illi wissa l-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali promutorja tieghu, l-esponent qatt ma gie notifikat personalment u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) bid-dokumenti hawn fuq imsemmija, u ghalhekk it-talba kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru 2015 hija manifestament intempestiva ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax, f'dan il-waqt u sakemm ma jkunu saru l-proceduri kollha rikjesti mill-ligi, u

sakemm ma jkunx ghadda z-zmien kollu li trid il-ligi, jaghddi sabiex jigbor minghand l-esponent, permezz ta' atti ezekuttivi, l-ammont minnu reklamat.

II. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru 2015 hija intempestiva wkoll ghaliex is-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) ghadha sallum tistenna risposta formali minghand il-Kummissarju tat-Taxxi ghall-applikazzjoni li l-istess socjeta' esponenti kienet ghamlet skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Thassir ta' Mghax u Penali Amministrattivi inkorsi taht lAtt tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-Att dwar it-Taxxa tad- Dwana u tas-Sisa u l-Atti tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ossija applikazzjoni taht l-Avviz Legali 456 tal-2011 kif emendat;

Ghalhekk, it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas tas-somma ta' €188,643.74, kif dedotta fl-ittra ufficjali promutorja tieghu, saret f'cirkostanzi fejn l-imghaxijiet u l-penali komprizi fl-istess imsemmi ammont ghandhom jistghu jitnaqqsu sa massimu ta' tmenin fil-mija (80%), u ghalhekk ma jaghmel l-ebda sens legali jew fattwali li l-Kummissarju tat-Taxxi jivvanta titolu ezekuttiv fuq fl-ammont intier f'dawn ic-cirkostanzi.

III. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi penali amministrattivi komprizi fl-ammont ta' €188,643.74 li qed jigi reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi, imposti minhabba hlasijiet bin-nieqes ta' taxxa fuq il-valur mizjud, m'humiex kontemplati fil-ligi - senjatament fid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-ligijiet sussidjarji relattivi - u konsegwentement l-istess Kummissarju tat-Taxxi ma jista' qatt jivvanta titolu ezekuttiv fuq l-ammont intier reklamat minnu ta' €188,643.74.

IV. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent, fiz-zmien kollu illi matulu kien jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) qatt ma kellu, taht it-tmexxija jew il-kontroll tieghu, xi flus jew xi proprjeta' ta' din l-istess socjeta', jew xi flus jew xi proprjeta' dovuti lillistess socjeta', u ghalhekk huwa ma jikkwalifikax bhala rapprezentant illi huwa solidament responsabbli mas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) ghal kwalsiasi ammonti li jistghu jkunu dovuti minn din is-socjeta' lillKummissarju tat-Taxxi skond id-disposizzjonijiet tal- Kapitolu 406 talLigijiet ta' Malta.

V. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas tas-somma ta' €188,643.74, kif dedotta mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali promutorja tieghu tal-15 ta' Dicembru 2015, hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors".

3. B'<u>risposta tal-1 ta' Diċembru, 2016</u> il-Kummissarju konvenut oppona għat-talbiet attrċi billi wieġeb kif ġej:

> "1. Illi b'mod preliminari, r-rikors promotur huwa null u minghajr effett in kwantu m'huwa msejjes fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi. Ir-rikorrenti jridu jindikaw a bazi ta' liema Artikolu/i tal-ligi hija msejjsa din ilprocedura u l-esponenti jirrizerva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward;
>
> 2. Illi b'mod preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors mahluf kif titlob il-ligi;
>
> 3. Illi wkoll b'mod preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, biddovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu fil-konfront tar-rikorrenti solidalment bejniethom ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittra ufficjali in kwistjoni bin-numru 4153/15 hi intiza biss li tirrendi ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;
>
> 4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll b'mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe kaz din l-Onorabbli Qorti mhix ilforum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiz huwiex dovut o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess;
>
> 5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti segwa u agixxa skont id-dettami tal-ligi u cioe' l-procedura kkontemplata fil-Kap. 406 talLigijiet ta' Malta sabiex ottjena t-titolu ezekuttiv favur tieghu kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
>
> 6. Illi peress li s-socjeta' rikorrenti ma ssottomettietx id-denunzji mehtiega skont il-ligi, l-esponenti agixxa ai termini tal-Artikoli 31 u 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u hareg stejjem fil-konfront tar-rikorrenti, li gew notifikati lill-istess rikorrenti, kif se jirrizulta ulterjorment waqt issmiegh tar-rikors;
>
> 7. Illi ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kap. 406 tal-ligijiet ta' Malta, "Kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal (tar-Revizjoni Amministrattiva)", pero' r-rikorrenti ghazlu li ma jaghmlux uzu mirrimedju moghti fil-ligi u ma ntavolaw l-ebda appell;
>
> 8. Illi ghalhekk kull kwistjoni rigwardanti l-istejjem mahruga taqa' filmansjoni esklussiva tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, u

dejjem bid-dovut rispett, mhux ta' din l-Onorabbli Qorti, li ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tat-Tribunal;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia la darba ma saret l-ebda kontestazzjoni ghall-istejjem imsemmija fit-terminu moghti fil-ligi, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar il-kreditu dovut lillesponenti ai termini tal-istess stejjem;

10. Illi l-istejjem mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 406 kif fuq inghad, jikkostitwixxu avviz u talba ghall-hlas ai termini talArtikolu 59 tal-Kap. 406 tal-ligijiet ta' Malta, u gia la darba ma saret lebda opposizzjoni ghall-istess da parte tar-rikorrenti kif tippermetti l-ligi ghalhekk l-avviz in kwistjoni sar jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-imsemmi Artikolu 59 tal-Kap. 406 li gie sussegwentement rez ezegwibbli permezz tal-ittri ufficjali in kwistjoni;

11. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kienu f'posizzjoni u kellhom kull opportunita' li jikkontestaw a tempo vergine l-istejjem u t-talba ghall-hlas mahruga fil-konfront taghhom ai termini tal-Artikoli 31 u 59 tal-Kap. 406, pero' dan m'ghamluhx;

12. Illi ghalhekk, gia la darba r-rikorrenti kellhom l-opportunita' li jikkontestaw l-istejjem ai termini tal-ligi pero' ghazlu li jibqghu siekta, ma jistawx jikkontestaw l-ammonti dovuti f'dan l-istadju meta l-esponenti ghandu f'idu titolu ezekuttiv rez ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;

13. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrenti li t-talba ghall-hlas maghmula mill-esponenti hi intempestiva in kwantu s-socjeta' rikorrenti applikat ghat-thassir ta' imghax u penali amministrattiva u allegatament ghadha sallum qed tistenna risposta formali minghand l-esponenti, l-esponenti jeccepixxi flewwel lok li tali applikazzjoni ma tissospendix u m'ghandha l-ebda impatt jew effett fuq it-titolu ezekuttiv tal-esponenti jew l-ezekuzzjoni talistess. Illi ghalhekk, it-talba maghmula mill-esponenti mhix intempestiva u tista' tigi ezegwita';

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tieni lok, m'huwiex minnu li s-socjeta' rikorrenti ghadha qed tistenna risposta minghand l-esponenti fir-rigward tal-applikazzjoni imsemmija. Fil-fatt jirrizulta proprju lkontra in kwantu hu l-esponenti li qieghed jistenna risposta minghand issocjeta' rikorrenti qabel ikun jista' jipprocedi bl-applikazzjoni gharremissjoni ta' imghax u penali amministrattiva sottomessa mis-socjeta' rikorrenti, kif se jirrizulta waqt is-smiegh tar-rikors;

15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrenti li l-penali amministrattivi dovuti lill-esponenti imposti minhabba hlasijiet bin-nieqes ta' taxxa fuq il-valur mizjud m'humiex ikkontemplati fil-ligi u li per konsegwenza l-esponenti allegatament ma jistax jivvanta titolu ezekuttiv fuq l-ammont intier

minnu reklamat, lesponenti jeccepixxi, bid-dovut rispett, li tali allegazzjoni mhix korretta u ghandha tigi respinta in kwantu tali penali amministrattivi jirrizultaw dovuti ai termini tal-Artikolu 27(4) tal-Kap. 406 qabel ma gie emendat, liema Artikolu jistipula li: “Ma titqiesx li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx shiha u dettaljata f’kull aspett materjali taghha u jekk u sakemm it-taxxa li tirrizulta li ghandha tithallas skond iddikjarazzjonijiet fiha maghmula tkun thallset lill-Kummissarju.” Illi ghalkemm dan l-Artikolu gie emendat fis-sena 2014 u llum jaqra semplicement hekk: “Ma titqiesx li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx shiha u dettaljata f’kull aspett materjali taghha”, dan ma jfissirx li l-penali amministrattivi li attwalment gew imposti fuq l-ammont dovut mir-rikorrenti lill-esponenti m’humiex dovuti. Fil-fatt, l-ammont shih dovut lill-esponenti jirrelata ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Marzu 2006 sal-31 ta’ Marzu 2012 u ghalhekk tali penali amministrattivi imposti f’dak il-perjodu, u cioe’ qabel l-emenda imsemmija, huma gusti, korretti u ai termini tal-ligi. Fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jerga’ jtenni birrispett kollu li tali eccezzjoni hi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti relattivi ghall-fatt li tali kwistjoni rigwardanti l-penali amministrattivi u jekk dawn humiex dovuti o meno taqa’ fil-mansjoni esklussiva tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva u mhux ta’ din lOnorabbli Qorti;

16. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta’ dak allegat mir-rikorrent Francis Grima li hu ma jikkwalifikax bhala rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti ai termini tal-Kap. 406 u li kwindi m’huwiex solidalment responsabbli mal-istess socjeta’ ghal-ammont dovut lillesponenti in kwantu allegatament matul iz-zmien kollu li kien jokkupa lkariga ta’ direttur mas-socjeta’ rikorrenti hu qatt ma kellu taht il-kontroll jew tmexxija tieghu flus jew proprjeta’ tal-istess socjeta’, l-esponenti jeccepixxi fl-ewwel lok li, kif gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna f’kawzi simili u kif se jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tar-rikors, “iddiretturi ma jistghux jaharbu mir-responsabbilta’ taghhom billi jghidu li huma ma kienux jafu x’kienet il-vera sitwazzjoni tal-kumpanija jew li ma jifhmux jew li huma joqghodu fuq dak li jghidulhom il-konsulenti mqabbda minnhom. Lanqas ma jista’ direttur jahrab mir-responsabbilta’ tieghu bl-iskuza li hu kien minority shareholder jew non-executive director. Direttur, anke jekk non-executive jew minoritarju ghandu listess responsabbilta’ bhad-diretturi l-ohra u ghandu l-obbligu li jkun jaf u jimpenja ruhu li jwettaq id-doveri mposti fuqu mil-ligi.” (Andrew J. Mamo vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – Appell. Nru. 1269/2008/1, deciż 27/06/2014);

17. Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bir-rispett kollu hi inkoncepibbli l-allegazzjoni tar-rikorrent Grima li hu m’ghandux taht ilkontroll jew tmexxija tieghu flus jew proprjeta’ tas-socjeta’ rikorrenti meta fil-prezent hu l-uniku direttur tas-socjeta’ rikorrenti u dan sa missena 2009, oltre li kien gia direttur sa mis-sena 2004 ma’ certu Jason Pace li rrizenja fis-sena 2009, kif se jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tar-rikors;

> 18. Illi ghalhekk, l-ammont indikat fl-ittra ufficjali in kwistjoni hu dovut mirrikorrenti lill-esponenti solidalment bejniethom;
>
> 19. Illi ghalhekk it-talbiet kollha rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti".

4. B'sentenza in parte mogħtija fid-9 ta' Frar, 2018 l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut appellat li permezz tagħhom kien ġie eċċepiet illi r-rikors promotur kien null (i) peress li ma kienx imsejjes fuq l-ebda dispożizzjoni tal-liġi u (ii) peress li ma sarx fil-forma ta' rikors maħluf. Talba mressqa mill-Kummissarju konvenut b'rikors tal-15 ta' Frar, 2018 sabiex jiġi awtorizzat jappella minn dik is-sentenza ġiet miċħuda b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2018.

5. Waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2019, fuq talba tal-attur, tela' Manfred Barbara, rappreżentant tal-Kummissarju konvenut. Spjega kif il-Kummissarju kien bagħat bil-posta reġistrata żewġ *demand notices* fuq l-attur Francis Grima bħala direttur tas-soċjetà attriċi Outwest Ltd f'żewġ indirizzi differenti, waħda fl-indirizz kif kien jidher dak iż-żmien fuq il-karta tal-identità tal-attur Francis Grima u l-oħra fl-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà attriċi.[1] Dawk iż-żewġ ittri ġew ritornati lura mmarkati "undelivered" u għalhekk ġew inkarigati spetturi tal-VAT sabiex jikkonsenjawhom fiżikament lill-atturi bl-idejn. Bħala prova tan-notifika ttieħdu mill-ispetturi ritratti taż-żewġ *demand notices* fl-*envolope* rispettiv fil-*letter box* fl-indirizz Goemm, D Seculus Street, Ta' Giorni, San Giljan,

[1] Dok, MB u Dok MB1.

l-indirizz tal-attur. Ix-xhud spjega illi wara li saru dawk in-notifiki l-attur kien avviċina d-dipartiment tal-VAT u fit-18 ta' April, 2016 ressaq formalment "Request for Remission of Interest and Administrative Penalties"[2] u bħala raġuni għat-talba tiegħu spjega illi "Company has suffered from cash flow problems". B'risposta l-konvenut kiteb lill-attur fit-2 ta' Mejju, 2016 fejn informah li d-dipartiment kien lest illi jirriduċi l-ammont mitlub fid-*demand notices* jekk jifformalizza 'repayment programme' minn fost diversi li ġew proposti. Ix-xhud spjega illi wara r-risposta tiegħu kienu saru xi laqgħat bejn l-attur u l-Kummissarju konvenut però l-attur baqa' ma wasalx sabiex jaċċetta wieħed mir-*repayment programmes* li kien ġie lilu offert.

6. Kien għalhekk illi fil-15 ta' Diċembru 2015 il-Kummissarju konvenut ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-atturi sabiex jirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li diġà kellu kontra l-atturi u jinterpellhom sabiex fi żmien jumejn iħallsu s-somma ta' €188,643.74. Ix-xhud spjega illi l-ammont imsemmi kien anqas minn dak indikat fid-*demand notices* peress li l-attur kien ħallas fil-frattemp ammont akkont. L-avukat tal-atturi mbagħad għaddiet sabiex staqsiet lix-xhud jidentifika l-liġi li permezz tagħha l-Kummissarju kien wasal għal ċifra li tirrappreżenta penali u ċifra li tirrappreżenta imgħax. Għal dik id-domanda l-avukat tal-Kummissarju oppona in vista tat-tielet u tar-raba' eċċezzjoni tiegħu illi l-Qorti ma kellhiex il-poter

[2] Kopja a fol. 141.

tindaga u tissindika l-ammont dovut bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv li l-Kummissarju kien diġà jivvanta *ai termini* tal-Artikolu 59 tal-Kap 406, u li l-*forum* kompetenti sabiex jiġi kontestat il-*quantum* pretiż mill-Kummissarju ma kinitx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iżda t-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva. Fuq dik l-oġġezzjoni l-avukat tal-attur talbet li tissospendi l-eżami tax-xhud sabiex tirregola ruħha, l-Ewwel Qorti issospendiet l-eżami tax-xhud u ħalliet il-kawża sabiex l-attur jirregola ruħu.

7. Fis-seduta tad-<u>19 ta' Frar, 2020</u> l-avukat tal-attur ippreżentat rikors li permezz tiegħu ntalbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jissejjah bħala xhud il-Kummissarju konvenut u jiġi mistoqsi <u>dwar liema liġi</u> ġiet applikata sabiex il-Kummissarju wasal għall-ammonti ta' <u>penali amministrattivi</u> ndikati fid-*demand notices* markati fl-atti bħala Dok MB1 u Dok MB3; u jistaqsuh <u>dwar liema liġi</u> ġiet applikata sabiex il-Kummissarju wasal għall-ammonti ta' <u>mgħaxijiet</u> indikati fid-*demand notices* imsemmija. Il-konvenut ingħata terminu sabiex jirrispondi. Ġie wkoll verbalizzat illi "l-partijiet jaqblu li r-rikors u r-risposta jmissu fil-mertu t-3 u 4 eccezzjoni barra d-domandi mixtieqa mir-rikorrent u konsegwentement is-smigh tar-rikors hu marbut mas-smigh fil-mertu u d-decizjoni tar-rikors jinfluwixxi fil-mertu." Il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tat-3 u tar-raba' eċċezzjoni.

8. Wara xi differimenti minħabba l-imxija Covid-19, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2020 l-avukati tal-partijiet ittrattaw it-tielet u r-raba' eċċezzjoni preliminari u l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet.

9. Fil-5 ta' Frar 2021 l-Ewwel Qorti ippronunzjat is-sentenza appellata li permezz tagħha laqgħet it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-Kummissarju u ċaħdet it-talbiet attriċi.

10. Fil-25 ta' Frar 2021 l-attur intavola l-appell odjern li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jitlob li din il-Qorti tilqa' l-appell, u:

> "1. Tiddikjara s-sentenza appellata ………nulla għal uħud mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u cjoe' għaliex hija extra petita u/jew fiha difetti li jippreġudikaw il-jedd ta' smigħ xieraq tal-partijiet; u/jew
>
> 2. Tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni…………..;
>
> 3. Subordinatament, u f'każ biss li l-ewwel żewġ talbiet hawn dedotti jiġu respinti………….prevja li tawtorizza lill-esponenti li jressqu l-provi kollha li fadlilhom fuq il-mertu tal-każ odjern, tgħaddi biex ti ċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari ta' l-appelat Kummissarju tat-Taxxi flimkien ma' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tiegħu mhux diġa deċiżi u tilqa' t-talba ta' l-esponent kif dedotta………."

11. B'risposta tal-25 ta' Marzu, 2021 il-Kummissarju appellat, għar-raġunijiet hemm mogħtija, oppona għall-appell tal-attur.

12. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li s-sentenza appellata hija nulla peress li filwaqt li fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2020

saret it-trattazzjoni dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju appellat u l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ddeċidiet dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet u "għaddiet sabiex tiddeċiedi r-rikors promotur tal-esponent fl-intier tiegħu, u dan fi stadju fejn l-ebda mill-partijiet ma kienet iddikjarat definittivament li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi, wisq anqas saru sottomissjonijiet dwar it-talba tal-esponent imressqa permezz tar-rikors promotur(!)". L-appellant jgħid illi s-sentenza appellata hija nulla għaliex (i) hija *extra petita* inkwantu ma ngħatatx biss fuq it-tielet u r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju appellat iżda ngħatat ukoll fuq kwistjonijiet mhux imdaħħla fl-istess eċċezzjonijiet; u (ii) hija nulla peress li fiha difetti li jippreġudikaw il-jedd ta' smigħ xieraq tal-parijiet, u dan peress li l-attur ma kienx għadu eżawrixxa l-provi tiegħu u kien hemm ukoll pendenti r-rikors tiegħu tad-19 ta' Frar 2020 li baqa' ma ġiex dekretat. Jgħid għalhekk l-appellant illi s-sentenza appellata ngħatat fil-kuntest ta' intempestività proċedurali li trendiha nulla *a tenur* tal-Artikolu 790 tal-Kap. 12.

13. Il-Kummissarju jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid illi mhux minnu li s-sentenza appellata hija *extra petita*. Jgħid illi l-attur appellant kien konxju li fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020 l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għall-4 ta' Novembru, 2020 għat-trattazzjoni tat-tielet u tar-raba' eċċezzjoni. Jgħid illi min-natura tagħhom dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet

jolqtu l-kompetenza tal-Ewwel Qorti. Jgħid illi eżami tas-sentenza appellata juri illi l-Ewwel Qorti eżaminat proprju dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet u xejn aktar. Jissottometti illi sabiex tiddeċiedi dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi jekk il-Kummissarju kellux titolu eżekuttiv u jekk il-kwistjonijiet dwar l-ammonti pretiżi mill-Kummissarju appellat jaqgħux fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Jgħid li r-rikors tal-attur tad-19 ta' frar 2020 tħalla pendenti proprju għaliex l-eżitu tiegħu kien jiddependi mill-eżitu tas-sentenza dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjoni.

14. Dwar dan l-aggravju opportun naraw x'ġie mitlub mill-attur appellant fil-kawża minnu istitwita u x'ġie eċċepiet permezz ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.

15. Permezz tat-tielet eċċezzjoni preliminari tiegħu l-Kummissarju konvenut laqa' għat-talbiet attriċi billi eċċepixxa illi l-Ewwel **Qorti ma kellhiex il-poter li tissindika jew tindaga dwar l-ammont** dovut mill-attur lill-konvenut inkwantu tali ammont hu dovut skont titolu eżekuttiv li l-konvenut għandu fil-konfront tal-attur. Filwaqt li permezz tar-raba' eċċezzjoni tiegħu l-Kummissarju konvenut eċċepixxa illi l-Ewwel Qorti **ma hiex il-forum kompetenti** sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiż huwiex dovut jew le, inkwantu huwa biss it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li għandu l-poter jiddetermina dan.

16. Żewġ eċċezzjonijiet dawn illi qed jilqgħu għat-talbiet attriċi billi jżommu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-kompetenza li "tissindika" jew "tindaga" dwar il-*quantum* ta' taxxa, ta' penali u ta' imgħax li dwarhom il-Kummissarju jirritjeni li għandu titolu eżekuttiv kontra l-appellant. Żewġ eċċezzjonijiet kumplimentari għal xulxin peress li fit-tnejn qed tiġi kkontestata l-kompetenza tal-Ewwel Qorti. Sabiex tiddeċiedi t-tielet eċċezzjoni l-Ewwel Qorti kellha neċessarjament tiddeċiedi jekk dwar l-ammont kontestat mill-attur appellant, l-appellat kienx ġia jgawdi minn <u>titolu eżekuttiv.</u> F'każ affermattiv kellha tiddeċiedi jekk kellhiex il-poter li tindaga u tissindika l-ammont reklamat mill-Kummissarju. Anke r-raba' eċċezzjoni tirrigwarda l-kompetenza tal-Ewwel Qorti għaliex tirrigwarda jekk kontestazzjoni ta' ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi kienx ta' <u>kompetenza esklussiva</u> tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

17. L-appellant isostni illi s-sentenza appellata hija nulla peress li skontu, akkolti t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-Kummissarju, l-Ewwel Qorti kellha tkompli tisma' l-provi dwar it-talbiet tiegħu u mhux tgħaddi sabiex tiċħadhom.

18. Jidher illi l-appellant ma fhemx l-import tal-akkoljiment tat-tielet u tar-raba' eċċezzjoni. Fil-verità t-tielet u r-raba' eċċezzjoni jolqtu l-qofol tal-mertu tal-kawża. L-aġġettiv "preliminari" addossat fuqhom mill-

Kummissarju fir-risposta tiegħu għall-att promotur ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-akkoljiment tat-tielet eċċezzjoni b'dikjarazzjoni li l-Kummissarju kellu titotlu eżekuttiv validu kontra l-attur appellant jiddeċiedi l-mertu kollu tal-kawża. Qari tar-rikors promotur juri illi t-talba tal-attur għal dikjarazzjoni li l-Kummissarju ma kienx igawdi minn titolu eżekuttiv hija msejsa fuq il-premessi segwenti:

(i) Il-Kummissarju appellat m'għandux titolu eżekuttiv kontra l-appellant peress li ma segwix id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 406 meta li naqas milli jinnotifika lill-appellant bl-istima tat-taxxa, b'avviż skont l-Artikolu 59 (1) tal-Kap. 406 u b'nota ta' talba għall-ħlas skont Artikolu 59 (2) tal-Kap. 406;

(ii) It-talba fl-ittra uffiċjali hija intempestiva inkwantu l-appellant għadu qed jistenna risposta formali mingħand il-Kummissarju għat-talba tiegħu għal tħassir jew riduzzjoni tal-penali u imgħax skont ir-Regolamenti dwar Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (A.L. 456 tasl-2011);

(iii) Il-Kummissarju ma jista' qatt jippretendi li għandu titolu eżekuttiv fuq il-penali amministrattivi minnu mitluba peress li skont l-appellant dawn ma humiex kontemplati fil-liġi;

(iv) Illi fiż-żmien kollu li kien direttur tas-soċjetà appellanti huwa qatt ma kellu taħt it-tmexxija tiegħu jew il-kontroll tiegħu l-flus jew proprjetà tal-kumpanija;

(v) Illi t-talba għall-ħlas tas-somma ta' €188,643.74 hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt.

19. Permezz tal-akkoljiment tat-tielet u tar-raba' eċċezzjoni l-Ewwel Qorti ddikjarat illi l-Kummisarju konvenut kien ġia ottjena titolu eżekuttiv kontra l-atturi ferm qabel ma ppreżenta l-ittra uffiċjali; illi l-ittra uffiċjali kellha l-iskop mhux li toħloq titolu eżekuttiv iżda li tirrendi t-titolu eżekuttiv ġia ottenut bħala eżegwibbli; u illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kellhiex il-kompetenza li tisma' kawżi ta' kontestazzjoni tal-ammont reklamat mill-Kummissarju konvenut, kompetenza skont l-Ewwel Qorti li kienet tispetta esklussivament lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

20. Ġialadarba l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni li ma kellhiex il-poter li tisma' kawżi li jikkontestaw l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi, wara li qieset illi permezz tal-kawża odjerna l-iskop tal-atturi kien li jikkontestaw l-ammont reklamat mill-Kummissarju, ma kien hemm l-ebda skop li għalih l-Ewwel Qorti kellha tiddifferixxi l-kawża għall-provi skont ma qed jippretendi l-attur appellant. Kien ikun kontro sens u anti ġuridiku kieku l-Ewwel Qorti, wara li ddikjarat li ma hiex kompetenti *rationae*

*materiae* li timsa' l-kawża odjerna, tiddifferixxi l-kawża għall-provi fuq il-mertu.

21. Dwar l-aggravju li s-sentenza appellata hija nulla peress li ma ġiex dekretat ir-rikors tad-19 ta' Frar 2020, tajjeb jiġi sottolineat illi permezz ta' dan ir-rikors l-attur kien qed jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex isejjaħ bħala xhud lill-konvenut Kummissarju tat-Taxxi u jistaqsih liema liġi kien applika sabiex wasal għall-ammonti ta' penali amministrattivi u għall-ammonti ta' mgħaxijiet. Skont il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar, 2020 wara li jingħad li l-avukat tal-attur appellant ippreżentat l-imsemmi rikors u li l-attur ingħata sat-18 ta' Marzu, 2020 sabiex jirrispondi jingħad ukoll illi "l-partijiet jaqblu li r-rikors u r-risposta jmissu fil-mertu t-3 u 4 eċċezzjoni barra d-domandi mixtieqa mir-rikorrent u konsegwentement is-smigh tar-rikors hu marbut mas-smigħ fil-mertu u d-decizjoni tar-rikors jinfluixxu fil-mertu".

22. Fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2020 jingħad illi "Il-Qorti semghet it-trattazzjoni dwar it-tielet u r-raba eċċezzjoni preliminai" u ħalliet il-kawża "għal sentenza preliminari". L-ebda objezzjoni ma sab l-attur fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2020 meta l-Qorti semgħat it-trattazzjoni[3] dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjoni u ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet. U dan ma setax ikun mod ieħor tenut kont illi kif kien ġie

[3] It-trattazzjoni tal-avukati ġiet traskritta u tibda hekk: "Il-Qorti: Trattazzjoni dwar it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet preliminari; jibda Dr Ian Vella Galea ghall-Kummissarju tat-Taxxi………..

verbalizzat mill-Ewwel Qorti, l-eżitu tar-rikors imsemmi kien jiddependi mill-eżitu tas-sentenza dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjoni preliminari.

23. **Għaldaqstant din il-Qorti ssib illi l-ewwel aggravju tal-appellant ma hux mistħoqq u qed jiġi miċħud**.

24. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-attur appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti wara li qieset illi "Sorvolata l-kwistjoni tan-notifika, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tqis jekk għandhiex kompetenza tiddeċiedi fuq it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti" eventwalment tasal ma tasal għall-ebda konklużjoni dwar jekk għandhiex kompetenza tiddeċiedi fuq it-talba tal-kumpanija appellanti qua rikorrenti mressqa bir-rikors promotur, iżda tgħaddi sabiex tiċħad l-istess rikors. Skont l-appellant ma hemmx koerenza bil-mod kif imxiet l-Ewwel Qorti. Jgħid l-appellant illi meta l-Ewwel Qorti kienet qed tiddeċiedi t-tielet u r-raba' eċċezzjoni ma kellhiex tiddeċiedi wkoll jekk il-Kummissarju kellux titolu eżekuttiv, u dan għaliex skont l-appellant "l-mertu ta' tali kwistjoni bl-ebda mod ma jimpingi fuq, u huwa ghal kollox indipendenti mill-mertu tal-eċċezzjonijiet in kwistjoni". Ikompli l-appellant illi "… jirriżulta ċar anke minn sempliċi qari tal-eċċezzjonijiet inkwistjoni li sabiex Qorti tagħti deċiżjoni dwarhom, m'għandhiex għalxiex toqgħod tippronunzja ruħha dwar jekk il-Kummissarju appellat għandux titolu eżekuttiv o meno fil-kuntest tal-proċeduri relativvi". Ikompli jelabora t-tieni aggravju tiegħu l-appellant billi jgħid illi mal-akkoljiment tat-tielet u r-raba'

eċċezzjoni l-Ewwel Qorti kellha *semmai* tiċħad ir-rikors tiegħu tad-19 ta' Frar 2020 fejn kien talab li jtella lill-Kummissarju xhud, iżda mhux li tgħaddi sabiex tiċħad ir-rikors promotur tiegħu. Dan għaliex skont l-appellant "minn sempliċi qari tal-eċċezzjonijiet inkwistjoni, ma jirriżultax li l-istess Kummissarju qiegħed jeċċepixxi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex kompetenza tiddeċiedi t-talba mressqa permezz tar-rikors promotur." Iżied jgħid l-appellant illi t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-Kummissarju jimpinġu biss "fuq uħud mill-aggravji tal-esponenti, u dan b'riferenza għat-tielet u l-aggravji mressqa fir-rikors promotur tagħhom" u mhux fuq l-aggravji kollha mressqa fir-rikors promotur. Jgħid illi huwa nkonċepibbli illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma għandhiex il-kompetenza tisma' t-talba kif imressqa fir-rikors promotur.

25. Għal dan it-tieni u l-aħħar aggravju tal-appellant japplikaw il-konsiderazzjonjijiet ġia magħmula minn din il-Qorti aktar qabel fir-rigward tal-ewwel aggravju. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-Ewwel Qorti illi ż-żewġ eċċezzjonijiet deċiżi fis-sentenza appellata kienu t-tnejn immirati għal dikjarazzjoni mill-Ewwel Qorti illi ma għandhiex kompetenza tisma' ilmenti dwar il-mod kif il-Kummissarju tat-Taxxi wasal għall-ammont minnu reklamat fl-ittra uffiċjali impunjata mill-attur appellant. Kif rajna aktar qabel, il-premessi kollha tal-attur fir-rikors promotur huma kollha indirizzati sabiex jattakkaw fl-ewwel lok it-titolu eżekuttiv vantat mill-

Kummissarju u fit-tieni lok l-ammont reklamat mill-Kummissarju fl-ittra uffiċjali.

26. L-ewwel talba attriċi fir-rikors promotur hija ċarissima, sabiex il-Qorti tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju għall-ħlas tas-somma ta' €188,643.74 hija "infondata fil-fatt u fid-dritt". Talba din illi ddur kif iddur magħha tibqa' talba ta' kontestazzjoni dwar l-ammont reklamat mill-Kummissarju.

27. L-appellant jgħid illi mhux minnu li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ma għandhiex kompetenza tisma' t-talba ta' kontestazzjoni tal-ammont mitlub. Sottomissjoni din kompletament gratuita u li ma ssib l-ebda sostenn mill-atti. L-Ewwel Qorti għamlet tagħha l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament presjeduta fis-sentenza **Bay Investments Ltd v. il-Kummissarju tat-Taxxi** mogħtija fil-5 ta' Marzu, 2020[4] li permezz tagħha ddeċidiet żewġ eċċezzjonijiet identiċi mat-tielet u r-raba' eċċezzjoni fil-kawża odjerna. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat estensivament minn dik is-sentenza. Dwar il-kompetenza tal-qorti ngħad fost l-oħrajn illi "Din il-Qorti tqis illi l-kontestazzjoni ta' valutazzjoni tat-taxxa kellha ssir quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva u li mhux ta' kompetenza ta' din il-Qorti t-

[4] Konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022.

talba tas-soċjetà rikorrenti li tikkontesta l-ammont ta' taxxa li l-Kummissarju tat-Taxxi qed jitlob mingħand l-istess soċjetà rikorrenti".

28. Jidher li l-appellant ma hux japprezza biżżejjed illi l-Ewwel Qorti ma qalitx li ma kellha l-ebda kompetenza tisma' l-ebda aspett tal-vertenza. Li ddeċidiet l-Ewwel Qorti kien illi kellha kompetenza tindaga l-allegazzjoni tal-attur appellant illi l-Kummissarju tat-Taxxi ma kellux titolu. Tant li l-Ewwel Qorti għamlet indaġini fit-tul fir-rigward u waslet għall-konklużżjoni illi effettivament il-Kummissarju kellu titolu eżekuttiv validu kontra l-attur. Minn hemm però qieset, ġustament, illi stabbilita l-validita' tat-titolu eżekuttiv, ma setgħatx tinoltra ruħha aktar dwar ir-rikors promotur inkwantu ma kellhiex il-kompetenza li tindaga dwar jekk l-ammont kopert b'titolu eżekuttiv kienx korrett jew le. Dak li effettivament ġie deċiż mill-Ewwel Qorti u li din il-Qorti ma ssib xejn inkoerenti kif qed jallega l-appellant.

29. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, illi akkolti t-tielet u r-raba' eċċezzjoni, ma kellhiex il-kompetenza li tkompli tisma' l-kawża fuq il-mertu u ċjoè dwar it-talba tal-attur illi l-intimazzjoni uffiċjali tal-Kummissarju kienet "infondata fil-fatt u fid-dritt"..

30. Issib għalhekk illi **t-tieni aggravju huwa wkoll infondat u qed jiġi miċħud**.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-appell filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm